MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' April, 2002

Numru. 723/2001
Kawza Numru. 40

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**George Cini ta' 44 sena bin Micheal u Rita nee Camilleri li joqghod 'Arkadia', Triq Sir Paul Boffa, Victoria , Ghawdex.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 2008425 P)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli nhar is-6 ta' Novembru 2001 jew fil-granet ta' qabel din id-data 1) tefa', waqqa', jew iddepozita jew talli halla makni ta' vetturi, spare parts ta' vetturi u anki zjut jaqghu jew jittpoggew fi Triq Sir Paul Boffa u fi Triq 31 ta' Marzu, Victoria, u ghalhekk f'post pubbliku jew li l-pubbliku ghandu access ghalih minghajr hlas b'tali cirkostanzi li tista' jikkawza jew igieghel li jithassar post fil-miftuh 2) talli

halla jixxerred jew ippermetta li jixxerred zejt fi triq u ghalhekk ghamel l-istess triq tizloq u ddellek 3) u aktar talli fl-istess zmien ingombra Triq Sir Paul Boffa u Triq il-31 ta' Marzu, Victoria bl-istess oggetti u dan bi xkiel, b'inkomdu, bi hsara jew b'periklu ta nies ohra.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-Artiklu 377 (3) tal-Kap 9.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 3 u 9 tal-Kap 206, 40(a) u (j) tal-Kap 10;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20).

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------